MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1290/2010

**Julia Manduca u Matthew Douglas-Fryer**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat minn Julia Manduca u Matthew Douglas-Fryer fil-15 ta' Diċembru 2010 li permezz tiegħu ppremettew:

1. Illi fil-31 ta' Ottubru 2009 twieldet bint ir-rikorrenti u fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ġie mniżżel li kunjomha hija Hannah Douglas-Fryer (Dok A).

2. Illi dan kien żball tal-partijiet billi f'dak iż-żmien kienu għadhom taħt *shock* / eċċitati. Illi l-partijiet mhux miżżewġin.

3. Illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet li Hannah tieħu l-isem "Hannah Douglas-Fryer Manduca".

4. Illi huwa importanti li l-isem jiġi mibdul issa qabel ma t-tifla tmur l-iskola.

Għaldaqstant jitolbu li din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi:

(i) tordna l-korrezzjoni ta' isem binthom fiċ-ċertifikat tat-twelid sabiex isimha jkun Hannah Douglas-Fryer Manduca.

Il-konvenut huwa nġust għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fl-24 ta' Jannar 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi *in limine litis* ukoll ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw taħt liema artikolu tal-liġi huma qiegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom ħalli b'hekk l-esponenti jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti tindika taħt liema dispożizzjoni tal-liġi hi qegħda tesperixxi l-proċeduri istanti;

3. Illi madankollu mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk ir-rikorrenti qiegħdin jibbażaw l-pretensjonijiet tagħhom taħt l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent umilment jirrileva li dan mhuwiex applikabbli għal każ odjern. Dan għaliex l-

imsemmi Artikolu 253 jitkellem biss dwar *"korrezzjoni jew tħassir"*. It-talba għal żieda ta' kunjom ieħor ma hijiex frott ta' żball iżda bdil fl-intenzjoni u għalhekk it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda. Li kieku tali talba kellha tintlaqa', ikun hemm instabbiltà kbira fil-kunjomijiet *stante* li kull minn ifettillu jibdel fehemtu jistgħa jitlob għal bdil jew żieda fil-kunjom li wieħed għandu jaddotta.

4. Illi fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 292A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li mis-sena 2007 'l hawn il-ġenituri tat-tarbija għandhom jiddikjaraw liema kunjom it-tarbija għandha tuża. Fil-każ *de quo*, id-dikjarazzjoni tal-ġenituri Julia Manduca u Matthew Douglas-Fryer indikat li l-kunjom li se tuża t-tarbija Hannah huwa ta' Douglas-Fryer biss. *Ergo* ma hemm l-ebda lok għal użu mod ieħor tal-kunjom tal-imsemmija minuri Hannah.

5. *In finis*, mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits tal-atturi nomine;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ġunju 2011 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta'

ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi jirrizulta li l-atturi riedu li isem binthom jitniżżel biż-żewġ kunjomijiet tagħhom u kien minħabba l-eċċitament li kellhom li dan ma sarx u kwindi it-talba hija ġustifikata. Ma jidhirx li il-konvenut jaħti għall-iżball u allura m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-istess atturi**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------